**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa (5)

## It-Tlieta, 1 ta' Ottubru, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

Ħadd

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**05.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**05.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tar-raba' (4) laqgħa tat-3, ta' Settembru 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**05.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ppreżenta l-kont ta' Triq ta' Żrajk li kien diġa ntbgħat lil Kunsilliera għal ammont ta' €20,000. Huwa spjega wkoll li l' quddiem nirċievu parti mil-kont tal-WSC. Sa issa għadna nistennew l-isponsors tal-MGOZ u DLG u GSD għall-Karnival. Huwa qal li l-breakdown tal-Wine Festival irid jistenna li jidħlu l-kontijiet kollha. Fakkar ukoll li tħallsu €15,000 lil Gatt u Road u anke €3,000 lil Richard Cauchi biex jindirizzaw lid-deficit. Talab ukoll li joħorġu refund lil dawk li attendew Charter f'Lulju fl-Estonia peress li daħlu flus fil-kont tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

Is-Sindku imbagħad ta' spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Il-Viċi Sindku faħħar ħafna kif qed naħdmu fuq l-aspett finanzjarju, grazzi għal ħidma tas-Sindku b'mod speċjali filwaqt li Joseph Vella qal li sakemm ma hemmx aħbarijiet fuq dan il-qasam allura huwa dejjem posittiv.

**05.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**05.4.1.** Business Cards tal-Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv – lesti u nġabru.

**05.4.2.** Safe Kunsill – dan wasal u jrid jeħel.

**05.4.3.** Eden Network Visit – dawn ġew fostna u dawwarnihom skond programm li għamilna u vera marru tajjeb. Il-Viċi Sindku spjega li talab flus għal għajnuna dwar is-shelter u talab li nibgħatu email ta' ringrazzjament wara din il-visit.

**05.4.4.** Għar tal-Mixta – intbgħat email lil MGOZ għall-iżviluppi.

**05.4.5.** Deputat Segretarju Eżekuttiv – Sue-Ellen Buġeja spjegat li s-Segretarju tal-Qala – Marcia Borg – aċċettat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**05.4.6.** Contracts Manager – is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tiffinalizza.

**05.4.7.** Tender tal-Urban Greening – dan ser jagħlaq fil-15 t'Ottubru. Ġie nnominat George Camilleri bħala espert fuq il-Bord u jekk le Joseph Bonello.

**05.4.8.** Siġra perikoluża fi Triq il-Qala – indikajna lil ERA fejn ser jeħlu l-għaxar siġriet minflok din is-siġra (Xurdin).

**05.4.9.** Rampa HSBC fuq talba tal-KNPD – lesta.

**05.4.10.** Rampa Injam Triq Lazzru Pisani – lesta.

**05.4.11.** Sinjali sofor lesti hemm dawk ta' Triq Ħida u Triq Fatima.

**05.4.12.** Sar qtugħ ħaxix u żbir ta' dawn: Duru, Plier, Uqija, Majża, Xini, San Ġuzepp, Ħali, Ġnien San Blas (5 skips), Playing Field San Blas, Xandriku, Ġnien Kenuna, Wied Binġemma, San Koronatu, Passaġġ Ċimiterju lejn Għajnsielem, Triq San Blas għal Binġemma, Triq Sopu, Triq Franġisk Attard.

**05.4.13.** Lest ukoll sement fi Triq Duru u Triq Rabat.

**05.4.14.** Bin Ġdid fi Triq San Blas – dan inxtara pero Rose Falzon qed tara mar-residenti fejn jista' jeħel.

**05.4.15.** Malta Pride – inżebaħ bank apposta fi Ġnien Kunsill minn Joseph Cauchi.

**05.4.16.** Tneħħa Disabled Parking fi Triq il-Knisja li ma għadux jintuża.

**05.4.17.** Qed jinħadem Ħidmietna f'Isimkom ta' Ottubru 2019.

**05.4.18.** Rigward talbiet mill-Viċi Sindku, lesti ħaxix passaġġ faċċata Ċimiterju l-antik, ħaxix Triq Sopu, applikajna għal bozza ħdejn Ċimiterju l-antik, tranġat mera Triq Żrajk, ma fadalx ġebel għal ħitan tal-passaġġ quddiem skola (jistennew ftit).

- Pendenti: Sement Triq Rabat, Patch Triq Knisja, Bankina Triq Duru, Dawl fil-passaġġ Kenuna (qed niċċekjaw), u Ħajt Daħlet Qorrot.

**05.4.19.** Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli, lesti timer ta' Kenuna, tappiera perikoluża fi Triq Kenuna, reflecting signs ħdejn playing field Xandriku u Museum Bniet, fanal ġdid funtana Xandriku, railing jitranġa Xandriku, ħaxix ħazin Grunju, żbir siġar Xandriku.

- Pendenti: Electrician biex jiċċekja pompa tal-ġibjun.

**05.4.20.** Rigward talbiet minn Joseph Vella, floodlight ħdejn skola fil-proċess li teħel, cover bozza Triq San Ġwann ukoll ser teħel, bullard fi Triq Majża ser naraw ma TM, bużbież fi Triq Wied Binġemma lest.

- Pendenti: bankini fi Triq San Gwann, Triq Dun Gwann Camilleri.

**05.4.21.** Rigward talbiet minn Josef Camilleri, lesti ħajt fi Triq Daħlet Qorrot, ħajt fi Triq Cocco Palmeri, sement mal-monument Dun Karm Caruana.

- Pendenti: rampa fi Triq Xandriku.

**05.4.22.** Il-Viċi Sindku pprovda update dwar ic-Charter ta' Cisse u faħħar l-organizzazzjoni u anke l-ospitalita. Spjega wkoll li Cashel – Irlanda jixtiequ li isir skambju tal-isports u li Bucine – Italja se jistednuna għal Mejju. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Viċi Sindku sabiex isir Programm ta' Skambji Internazzjonali għal 2020.

**05.4.23.** Jean Paul Portelli spjega kif d-diskussjonijiet fic-Charter ta' Hepstedt kienu interessanti u anke l-fatt li l-Harvest Festival kien qisu Karnival żgħir.

**05.4.24.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar il-kont tal-Bulky Refuse u ġie deċiż li nistennew sal-aħħar tas-sena u nieħdu sample ħa naraw jekk hux qed jiżdied kull xahar jew fis-sajf biss. Hija infurmat ukoll dwar it-tilqima tal-

influenza li ser tingħata minn Francesca Spiteri – il-Viċi Sindku offra l-għajnuna. Hija infurmat ukoll li nxtara drill peress li kellna bżonnu biex naħdmu fuq barra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

### 05.5. Korrispondenza.

| Numru | Dettalji |
|---|---|
| 6381 | Direttiva 3/2019-contracts managers |
| 6382 | MFIN Circular 03- Re use of private vehicles on official business |
| 6383 | Stqarrija AKL 06/2019-tahrig fil-governanza u d-demokrazija għall-Membri Eletti fil-Kunsill Lokali |
| 6384 | National Seminar- Local 4Green Project |
| 6385 | Reprt regarding Pipe/run off water culvert inspection at Wied Bingemma |
| 6386 | LCA01/2019- dwar Online Permitting & Right of way management system |
| 6387 | Avviz numru 1091 popolazzjoni stmata ghal kull Lokalita' |
| 6388 | Mayors for Peace – ***Is-Sindku spjega din l-inizzjattiva pero ma kienx hemm qbil peress li r-reġistrazzjoni tiswa 2,000 ewro.*** |
| 6389 | Cir AKL  2019/107- LCA & Green Pak |
| 6390 | Cir Akl 2019/1- Tindif ta' culverts tax-xita |
| 6391 | Cirkulari 18/2019-Permessi mahruga mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04 |
| 6392 | Social Marketing campaign at Nadur - Ittra minghand Wasteserv ltd – ***Is-Sindku spjega din l-inizzjattiva u wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan it-trakk jiġi kull raba' Ħamis tax-xahar u ikollu parking riservat fi Pjazza 28 t'April 1688.*** |
| 6393 | Kors tal-Universita' Tielet Eta f'Ghawdex |
| 6394 | Laqgha Plenarja Ottubru 2018 – ***Il-Viċi Sindku ser jattendi.*** |

| | |
|---|---|
| 6395 | Cirkulari 19/2019- Sistema ta' Live Streaming |
| 6396 | Cirk AKL 2019-106- Seminar dwar Provvediment ta' Zvilupp u Implimnetazzjoni ta' Strategiji Kulturali ghall-Kunsilli Lokali |
| 6397 | Cir AKL 2019/112-skema Wi fi 4 EU |
| 6398 | Cirk AKL 2019/099- Invitation for Local Councillors for Delta Tech Week |

Is-Sindku rrimarka dan li ġej:

- Laqgħa Pubblika – din hija obbligatorja bil-liġi u trid issir minnufih. Kien hemm qbil li ssir qabel il-laqgħa li jmiss. Din ser tiġi inkluża fil-fuljett.
- Fondi Skema LESA – din irridu napplikaw sal-aħħar ta' Ottubru. Wara diskussjoni kien hemm qbil li napplikaw għal Fitness Course ma' Radu fit-tul.
- Culvert f'Wied Binġemma – intbgħatet korrispondenza lil MGOZ sabiex nitolbu għajnuna għat-tindif ta' dan il-culvert.
- Kalendarju Joseph Engerer – kellna talba għal xiri ta' kalendarju mill-artist Naduri u kien hemm qbil unanimu li jinxtraw numru minnhom.

## 05.6. Halloween, Jum il-Kunsill, Milied u Nadur 8K.

### 05.6.1. Halloween:

Is-Sindku spjega li l-MGOZ ser jikkollaboraw permezz ta' €4,000 għal l-ewwel darba. Il-Poster ħa ħsieba Paul Portelli, u l-inflatables ser ikunu provduti minn Jump Malta. Għandna wkoll konfermati Balloon Modelling (Marvic Bajada), saħħara (Miriam Grech), pumpkin pies (Mekren), scarecrows (Ivan Xuereb), pumpkin carving (Charlie Camilleri), żfin (Annette Portelli Said), Kiosks, Malta Records, Fire Dancers (Fire Play), 4 Bands, Dawl u Festun (D Illumination), u Sound (High End). Ġie diskuss it-token li ser nagħtu għal ikbar qargħa, u ġie maqbul lil Jean Paul Portelli jagħżel rigal minn ħanut Malta u nagħmlulu engraving apposta. Ġie diskuss wkoll min se jippreżenta u s-Sindku ser jaħdem fuq l-ismijiet li qamu. Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

### 05.6.2. Jum il-Kunsill:

Is-Sindku reġa spjega numru ta' attivitajiet:

- Kunċert San Koronatu – nipprovdu fjuri u festin.
- Pontifikal San Koronatu – naraw min ser jattendi minħabba seating.
- Clean Up – ser jattendu studenti tal-Year 6 u Nadur Nadif ser jagħżlu l-post. Ser nipprovdu ilma u bus għat-tfal.
- Ħarġa Anzjani – ser issir permezz ta' train lejn Għasri, quddiesa, train lejn Marsalforn, u ikel il-Horizon Qbajjar. Din ser issir first come first served.
- Attivita Librerija – kien hemm korrispondenza mal-Assocazzjoni tal-Libreriji u ġie ffinalizzat l-programm.
- Sports Day Museum – ser nordnaw tazzi u midalji u nġibu sponsor għall-ilma u snack – ser jieħu ħsieb Matthias Mercieca.
- Quddiesa – ser tinżamm fis-6pm fil-Kappella tas-Sorijiet u ser jieħu ħsieb Matthias Mercieca u Mark Azzopardi animatur.
- Serata Ġieħ Nadur – Joe Camilleri ser jaqra bijografija, ser nipprintjaw ritratti kbar ta' Michael Camilleri Cauchi, ser nagħmlu l-inviti, u ser issir esibizzjoni tas-summer courses u ċertifikati. Kien hemm qbil li jieħu ħsieb mużika Steve Buttigieg u bħala preżentatur naraw Maria Buttigieg jew Joe Chircop jew Daniel Meilak jew Mark Azzopardi.
- Open Day – Josef Camilleri ser isib voluntiera u ser ikollna exhibitions fit-Torrijiet.
- Triangular Tournament – ser nordnaw tazzi u midalji, u ser nipprovdu ilma. Antoinette Tabone tippreżenta trophies.
- Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

**05.6.3. Milied:**

Is-Sindku spjega li daqt irridu noħorġu l-kwotazzjoni tal-Milied tad-dawl. Dwar l-event ta' Santa Claus dan ser isir ma' Għaqda Triq Kappillan u anke ordnajna xi stands ma MGOZ. Il-Presepju Ħaj ser jiftaħ fl-14 ta' Diċembru u ser ngħinu fil-materjal. L-Esibizzjoni fis-Sala tal-Kunsill ser tiftaħ fis-6 ta' Diċembru. Ser ngħinu wkoll fil-kompetizzjoni tal-Presepji permezz ta' ċertifikati u mementos. Kien hemm qbil dwar dan kollu.

**05.7. Karnival 2020.**

Is-Sindku talab lil Joseph Vella sabiex iqajjem il-punti tiegħu peress li hu talab li din tidħol fl-agenda.

Il-Kunsillier Joseph Vella qajjem il-punt rigward il-fatt li s-sound tal-karrijiet riċenti ġie pprojbit. Hu qal li qed ikun hemm it-tgergir u li għandu jingħata ġurnata waħda mill-ħames t'ijiem propju għal dan il-għan. Joseph Vella qal li ir-residenti tal-Pjazza San Pietru u San Pawl u ta' Triq Dicembru 13 qed jgħidu li mhux jorqdu bis-sound system li hemm.

Il-Viċi Sindku nnota li dan is-sound system gie introdott fil-leġislatura li għaddiet biex ikun hemm aktar kontroll u sigurta. Huwa qal li din is-sistema qeda hemm għal min iħobb il-Karnival kif nafuh qabel u mhux street party ta' konfużjoni kulħadd idoqq u jgħaffeġ kif irid. Hu qal li irridu nibżaw għal għan prinċipali tal-Karnival. Huwa qal li riċenti waqt li kienu gewwa s-Serbja n-Nadur rebaħ l-isbaħ Karnival u dan żgur ma ntrebaħx minħabba l-ġenn li jġibu karrijiet b'ħafna sound.

Joseph Vella qal li hu jara li kif giet is-sistema issa aktar qed tkun street party. Hu qajjem dawn il-punti:-

- Li jsiru restrictions ezempju sound ikun ta' 2k u tiġi verifikata b'sistema ta' application fuq il-mobile.
- Ikun hemm security fuq kull karru minflokk isfel fit-toroq.
- Jinkitbu gimgħa qabel il-Karnival min ser ikun b'xi karru biex inkunu nafu kemm ser ikun hemm qabel.
- Jekk jigri xi emergenza jitqabbad security fuq il-loud speaker biex jieqaf kollox u dawn ma jerggħux jiehdu sehem sena oħra.

Is-Sindku qal li kif giet is-sistema issa qed ikun hemm livell ta' Karrijiet bit-tema u mhux biss karru forma ta' palk bis-sound kif kien qabel. Joseph Vella rrimarka li l-mużika li tindaqq mhux dejjem qed tkun kif jixraq u s-Sindku qal li allura naraw ma' min idoqq li jżomm aktar mal-istil u iħallat. Joseph Vella qal li fil-Pjazza Dun Martin Camilleri s-sound mhux jinstemma sew tal-bands minħabba dak ta' barra. Is-Sindku qal li dan ma hux minnu għax hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kunsill u dawk li jdoqqu u anke nitfu sound apposta. Tant hu hekk li anke intefa sound fit-triq prinċipali sabiex nippromwovu d-daqq tradizzjonali li jkun hemm fil-Pupu's Bar u dawn kuntenti ħafna.

Is-Sindku qajjem il-punt li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv huma responsabbli li jkun hemm sigurta' u dan ukoll x'jiġi mitlub mill-laqgħat li jkun hemm mal-Pulizija. Joseph Vella qal li qed neqirdu l-Karnival Spontanju u li hu qiegħed hemm bhala leħen.

Is-Sindku kompla jispjega kif l-Karnival huwa spontanju mhux fil-mużika iżda fil-kostum, u ma nistgħux insiru libertinaġġ u bla kontroll. L-istess ġara mas-snin bl-annimali, kostumu reliġjużi u aktar. Huwa staqsa lil Joseph Vella sabiex jgħidlu min huma r-residenti li gergru bis-sound peress

li dawk tal-pjazza u Dicembru 13 faħħru s-sistema kontrollata. Joseph Vella qal li huma dawk li joqogħdu f'Toroq oħra.

Peress li waqt il-laqgħa issemmew xi persuni li kienu qed jaraw il-live streaming, dawn bgħatu messagg lis-Sindku li inqara waqt il-laqgħa fejn iċċaraw id-diskors fuq is-sound tal-band tal-Pjazzetta li mhux qed jiġi affettwat mis-sistema tas-sound kontrollata.

Joseph Vella qal li l-pulizija qatt ma qalulna inwaqqfu s-Sound fuq il-Karrijiet. Hu qal li kieku l-flus li qed nuzaw għal din is-Sound system jintuzaw għal affarijiet oħra. Il-Viċi Sindku qal li xorta kif qed jitlob security Joseph Vella fuq kull karru ser ikun hemm spiza kbira. Il-Kunsillier Joseph Vella qal li tigi inqas l-ispiza. Is-Sindku rrimarka li l-flus investiti f'sistema kontrollata ma humiex ħela iżda ta' ġid komuni.

Is-Sindku talab lil Kunsillier Joseph Vella biex jieħu decizzjoni u jara x'irid jitlob ezatt lil Kunsill Lokali peress li d-diskussjoni twalet ħafna. Il-Viċi Sindku qal li filkas tinħareg press release fuq dan kollu.

Il-Kunsillier Joseph Vella qajjem Mozzjoni - Biex waħda minn dawk il-granet isir bis-Sound tal-Karrijiet kontrollat. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-Mozzjoni filwaqt li s-Sindku Edward Said, Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u l-Kunsillier Josef Camilleri ivvutaw kontra din il-Mozzjoni. Il-Mozzjoni ma għaddietx.

Is-Sindku staqsa dwar il-ġurnata li ser nagħżlu għal Karnival Organizzat u kien hemm qbil li nżommu l-ġurnata tal-Ħadd ta' qabel u nħabbru li f'każ ta' maltemp jimxi għal Ħamis ta' qabel Karnival Spontanju. Joseph Vella staqsa jekk nistawx ninnominaw persuni fuq is-Sottu Kumitat u dan ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

### 05.8. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

#### 05.8.1. M4.3:

Is-Sindku spjega li iż-żmien għafas ħafna u sfortunatament ma aħniex intitolati li napplikaw għal aktar fondi fuq aktar toroq.

#### 05.8.2. Sleeping Police Triq Grunju:

Dawn qed jiġu installati pero ser ikunu biss temporanji.

**05.8.3. Triq l-Imgarr u Grawnd:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif kellha laqgħa mal-Perit u jidher li x-xogħol irid jibda mill-grawnd. Qabel pero irridu konferma minn DPF rigward turf u l-ispejjeż kollha għall-MGOZ.

**05.8.4. Festun tal-fiss fil-Pjazzetta:**

Is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex fix-xhur li ġejjin ninstallaw festun tal-fiss fil-Pjazzetta. Kien hemm qbil unanimu.

**05.8.5. Ashtray Bins fiċ-Ċentru:**

Ġew diskussi xi prezzijiet u kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil li jekk inhuma tajbin nistgħu mmexxu.

**05.8.6. Roster tal-Knis tat-Toroq:**

Is-Sindku spjega li issa għandna aktar struttura u organizzazzjoni grazzi għal ħaddiema tal-CWS. Kull triq nafu meta tinkines u minn min.

**05.8.7. Ħajt San Blas:**

Is-Sindku informa li tlesta l-bini ta' ħajt fin-nizla tal-bajja ta' San Blas li kien waqa' u seta iwaqqa' t-triq miegħu. Kien hemm qbil fuq dan.

**05.8.8. Patch Triq Lourdes:**

Din tidher li ser issir kif Gatt ikollu tarmac għal x'imkien ieħor.

**05.8.9. Monument FECC:**

Għadna nistennew stima għal turf u stima għal railing u xorta għadna rridu nirranġaw ic-ċint.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**05.8.10. Tabella War Shelter:**

Is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex nagħmlu xi tip ta' tabella sabiħa għas-shelter tal-gwerra. Kien hemm qbil unanimu.

**05.8.11. Pendenti:**

- Fossa Ġnien Kunsill u Bus Shelter Pjazza.

**05.9. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**05.9.1.** Sindku – Song Festival talbu għal kollaborazzjoni fit-trophies, ritratti u video. Qbil unanimu.

**05.9.2.** Sindku – Yellow lines fi Triq Grunju mal-Kantunieri biex jaħdmu fuqha TM – qbil unanimu.

**05.9.3.** Sindku – Nursery – talba għal kollaborazzjoni ta' €250 għar-riżorsi – qbil unanimu.

**05.9.4.** Sindku – Torba u Romblu f'passaġġ fi Triq Għajn Qasab – qbil unamimu.

**05.9.5.** Sindku – Ġnien Kunsill zewġ bankijiet jitranġaw minn mastrudaxxa u jinżebhu – qbil unanimu.

**05.9.6.** Sindku – Aperturi u purtieri tas-sala Kunsill Lokali biex jitrangaw minn mastrudaxxa u ħajjata – qbil unanimu.

**05.9.7.** Sindku – Demel mas-siġar ta' Xurdin – qbil unanimu.

**05.9.8.** Sindku – Kors Tielet Eta' – Maria Natoli, Lina Mifsud u Tonina Sammut– qbil unanimu.

**05.9.9.** Sindku – Titranġa bankina fi Triq Sopu – qbil unanimu.

**05.9.10.** Sindku – Bankina issir ġdida fi Triq Sant Andrija – qbil unanimu.

**05.9.11.** Sindku – talba għal kanna ma' kantuniera fi Triq Kappillan – qbil unanimu.

**05.9.12.** Sindku – żbir tas-siġar taż-żebbug mal-Knisja ta' Karkanja – intalab li jinġabar żebbug – qbil unanimu.

**05.9.13.** Sindku – Patching ta' Triq Ramla, Xagħra Barbra, Sopu, Wied Rihan u Buskett – qbil unanimu.

**05.9.14.** Viċi Sindku – talba biex jitnaddfu culverts f'Wied Bingemma – ser nitolbu lil MGOZ.

**05.9.15.** Viċi Sindku – staqsa jekk għandniex ninstallaw cat feeding slots – Jean Paul irrimarka li dan jitlob maintenance u jkunu imsewwijin. Ma kienx hemm qbil.

**05.9.16.** Viċi Sindku – talba għal Sleeping Policeman fi Triq Duru – is-Sindku wera li ma jaqbilx ma' dawn peress li tneħħiet fil-passat. Kunsilliera l-oħra talbu firem tar-residenti li juru li ma ddejjaqhomx. Ma kienx hemm qbil għalissa fuq din.

**05.9.17.** Jean Paul Portelli – talba sabiex nikkollaboraw fi Presepju fi Triq Ramla – ma kienx hemm qbil peress li huwa privat.

**05.9.18.** Joseph Vella – talba biex tiċċaqlaq bozza Triq Tiġrija – din diġa qed jiġi ffirmat kuntratt.

**05.9.19.** Joseph Vella – talba għal bozza ġdida fi Triq Knisja faċċata ta' Triq Lazzru Pisani – qbil unanimu.

**05.9.20.** Joseph Vella – biex issir talba sabiex jinżammu l-floodlights fi Triq Ramla – ser nkellmu MGOZ.

**05.9.21.** Josef Camilleri – talba għal tarmac fi Triq Emigranti – din ser nagħmlu talba l' quddiem lil MGOZ.

**05.9.22.** Josef Camilleri – Informa li ta' Kenuna ser isir tħawwil ta' xi pjanti b'xejn u talab għal pjanti mill-Gvern għal San Blas u monument Dun Karm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**05.9.23.** Segretarju Eżekuttiv – talba għal Communal Disabled Parking ħdejn Ċimiterju. Din ser tinżamm pendenti għalissa.

**05.9.24.** Il-Viċi Sindku gibed l-attenzjoni li meta ikun hemm attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għandu ikun hemm biljetti għal-Kunsill.

**02.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2019 fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva